MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 2655/2002

**Daniel Briffa**
**Vs**
**Darren James Galea**

It-Tribunal,
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Novembru 2002 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut ihallas l-ammont ta' Lm1000 (elf lira) bhala depozitu imhallas fuq konvenju skadut.

Fl-avviz tat-talba intqal li:-

L-attur qed jitlob lil dan it-Tribunal jikkundanna lil konvneut ghall-hlas tas-somma ta' Lm1000 rappresentanti depozitu imhallas fuq konvenju skadut li sar bejnu u l-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 17 ta' Gunju 2002, u bl-imghaxijiet legali.

Ra r-risposta fejn inghad li:-

L-ebda ammont ma hu dovut hu dan ai termini ta’ l-artikolu 993 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez kontra l-attur li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Sema x-xhieda u ezamina d-dokumenti

Ikkonsidra:-

Illi din il-kawza si tratta ghal talba ta' rifuzjoni ta' pagament ta' depozitu fuq konvenju. Dan il-konvenju skada u l-kuntratt tat-trasferiment baqa ma giex finalizzat.

Da parti tieghu, il-konvenut ma ha l-ebda passi biex jipproroga l-istess  konvenju u/jew jagixxi gjudizzjarjament biex jesegwixxi l-konvenju. Lanqas ma saret xi kontrotalba ghal risarciment ta' xi danni.

Illi 'ex admissis' huwa veru li l-konvenut dahal f' xi spejjes biex seta jimmagazinaggja l-ghamara tieghu. Huwa jinvoka l-Art 993 tal-Kap 16 li jittratta dwar l-esekuzzjoni tal-kuntratti in bona fede. Biex isehh din id-difiza, kellha tigi pruvata il-mala fede tal-attur. Mhux kull dannu huma risarcibbli. Ma gietx prodotta l-ebda prova li titfa xi nuqqas imputabbli lill-attur sabiex il-konvenju ma jigix onorat. La Nutar, 'estate agent', bank manager sabiex jimpurtaw xi nuqqas tal-esekuzzjoni tal-obligazzjoni minnhu assunta fil-konfront tal-eccipjent.

Jiddeciedi fil-waqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici, u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' elf Lira Maltin (Lm1000) lill-attur bl-interessi mid-data tas-sentenza u bl-ispejjes kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------